**Minuti tal-25 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 16 ta' Frar 2021 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29 Triq il-Parroċċa, l-Imqabba**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |
| Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

25.01 **Talba**

25.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

25.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

25.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

25.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa nru 24**

25.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 24 ġew approvati unanimament kif emendati. Is-Sindku ppropona u l-Viċi-Sindku issekondat.

25.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.04.01 Is-Sindku nforma li fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, kien ġie deċiż li kull lokalita' tingħata l-ammont ta' €500 sabiex jintużaw f'kotba jew manutenzjoni tal-libreriji lokali. Huwa spjega li għad hemm ammont ta' flus li l-Kunsill jista' jutilizza taħt diversi skemi u issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel l-almu tiegħu sabiex dawn il-flus jiġu utilizzati qabel il-bidla fir-reġjuni li għandha ssir f'Ottubru li ġej.

25.04.02 Is-Sindku nforma li fit-8 ta' Frar kienet saret laqgħa mal-LESA u GreenPak liema laqgħa kienet pożittiva ħafna fejn il-Kunsill ingħata l-aċċess għas-CCTV li hemm fuq l-*iBins* ta' Triq Ħal Kirkop. Hawnhekk huwa irringrazzja lill-Kunsillier Dingli li kien qed jaħdem sabiex jinqatgħu l-abbużi. Huwa semma wkoll li wara laqgħa li kienet saret fuq il-post, kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jiffinanzja *camera* oħra fuq arblu biswit l-*iBins* sabiex din l-*area* tkun koperta bis-CCTV kompletament. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Huwa semma wkoll suġġeriment tal-LESA sabiex isir *Traffic Management* sabiex jiġi utilizzat kull spazju possibbli għal parkeġġ ta' vetturi. Huwa qal li finalment tkun TM li trid tapprova t-tibdiliet proposti. Anke dwar dan kien hemm qbil unanimu.

25.04.03 Is-Sindku nforma li kienet saret laqgħa mal-kuntrattur tal-*Bulky Refuse* fejn kien hemm qbil dwar kif għandu jinħareġ il-kont għas-servizz. Huwa qal li kien qed jipproponi li jsir ftehim għal 12-il xahar li jkopri dan is-servizz sakemm naraw xi żviluppi ser ikun hemm fir-reġjun peress li jidher li dan is-servizz ser ikun fuq bażi reġjonali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Rigward il-knis, ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jinsisti li dan isir skont l-iskeda li kienet inkluża mal-kuntratt u s-S.E. intalab sabiex jgħaddi kopja ta' din l-iskeda lil kennies.

25.04.04 Is-Sindku nforma li l-iSqaq tas-Serrer kien tlesta fil-ġranet li għaddew filwaqt li sa tmiem din il-ġimgħa, Triq Valletta l-Qadima kienet ser tiġi asfaltata wkoll sabiex wara jkun jista' jibda x-xogħol fuq it-triq tas-siġar.

25.04.05 Is-Sindku nforma li kien ġie avviċinat dwar il-gabbana li hemm fi Ġnien Tfal ir-Raħal u staqsa jekk din qattx infetħet u jekk kienx hemm xi *bye-law* dwarha. Is-S.E. għandu jiċċekkja dwar dan fil-minuti ta' leġislaturi preċedenti.

25.04.06 Is-Sindku spjega li bejn il-laqgħat, flimkien mas-S.E. kellu laqgħa ma' StudjUrban dwar il-proġett *Slow Streets*. Kopja tal-preżentazzjoni ser tintbagħat lill-Kunsillieri. Huwa qal li r-rapport huwa wieħed vast li jinkludi wkoll studju f'toroq oħra mar-raħal u mhux biss dwar il-Pjazza u l-madwar. Huwa qal li dwar il-Pjazza l-akbar problema tibqa dik dwar l-aċċess għall-karozzi tal-linja u li għalhekk kien diġà tkellem ma' *Faces* dwar il-possibilità li jintużaw *electric mini-buses* bħala *shuttle*. Huwa qal li fil-ġranet li ġejjin għandna nirċievu proposta dwar dan. Huwa qal ukoll li konna tlabna laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni dwar il-possibilità li l-bitħa tal-iskola tibda tintuża għal parkeġġ ta' vetturi.

***Il-Kunsillier Dingli ħalla l-laqgħa minħabba raġunijiet personali fis-7.10 pm***

25.04.07 Is-Sindku irrikonoxxa l-problema li diversi residenti qed jiffaċċjaw b'diversi modi fi Sqaq nru 2, fi Triq il-Lanġasa u ħass li għandu jmur personalment jiltaqa' ma dawn ir-residenti sabiex jifhem verament dak li għaddej. Irriżulta li minħabba sitwazzjoni ta' parkeġġ, numru ta' residenti kienu qed jaqalgħu ċitazzjonijiet wara li jidħlu rapporti lil Pulizija. Huwa saħaq li b'iżjed komunikazzjoni bejn il-ġirien , din is-sitwazzjoni tista' tissolva faċilment. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti ġie deċiż, fuq parir tal-Perit, li l-aċċess għal Triq il-Lanġasa minn Triq San Bażilju tiġi *One Way* sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent u unanimament ġie deċiż ukoll li l-proposta tad-*Double Yellow Line* tul l-isqaq kollu ma tiġix approvata.

25.04.08 Is-Sindku ta dettalji dwar is-suġġeriment tal-Perit tal-Kunsill dwar il-problema ta' vetturi kbar li qed jikkawżaw ħsara f'residenza privata fi Triq Valletta. Wara diskussjoni qasira ġie unanimament deċiż li nerġgħu nitolbu lil-Perit sabiex tiġi fuq il-post sabiex nikkonfermaw jekk l-estensjoni tal-bankina proposta tibqax sejra fil-parti d-dejqa tat-triq jew le. Il-Viċi-Sindku qalet jekk wasalx iż-żmien li nibdew niddiskutu u jsir studju dwar l-possibilita' li Triq il-Belt Valletta tiġi *One Way* u għaldaqstant il-qalba tar-raħal issir *ring road*.

25.04.09 Is-Sindku spjega li aktar kmieni dan ix-xahar kienet saret l-intervista lill-iskrivana li kienet applikat għall-pożizzjoni ta' Assist. Prinċipal u li huwa kien qed jirrakkomanda li din għandna tingħata din il-pożizzjoni. Dan ġie approvat unanimament. Ġie approvat ukoll li l-ħin tal-ftuħ tal-Kunsill kull nhar ta' Sibt għandu jkun dejjem bejn it-8.00 am u l-11.00 am u mhux skont min ikun xogħol mill-iskrivani.

***Is-Sindku ippropona is-sospensjoni tal-Aġenda sabiex xi punti jiġu diskussi qabel l-oħrajn peress li kellu jħalli l-laqgħa kmieni minħabba mpenji oħra. Dan ġie approvat unanimament.***

25.06 **Kuntratti**

25.06.01 Is-Sindku nforma li aktar kmieni llum kienet saret laqgħa tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni tal-Offerti fejn kien gie deċiż li ssir rakkomandazzjoni lil-Kunsill sabiex għall-kuntratt tal-*Patching*, Toroq u Bankini, l-offerta ta' Catbros Ltd. li kienet l-orħos offerta tingħażel mill-Kunsill. Il-Kunsill aċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk ġie unanimament deċiż li meta jkun il-waqt, is-Sindku u s-S.E. għandhom jiffirmaw il-kuntratt f'isem il-Kunsill.

25.10 **PA 8969/19 – *Old people's home*, Mqabba**

25.10.01 Is-Sindku spjega li ftit tal-ġranet qabel konna ġejna nfurmati li kien tlesta l-*Environmental Impact Assessment* dwar applikazzjoni sabiex tinbena dar għall-anzjani fi Triq Valletta. Huwa qal li din id-dar tista' tħalli mpatt qawwi fuq ir-raħal u kien għalhekk li kien qed jirrakkomanda li nqabbdu lil-Perit tal-Kunsill sabiex jevalwa l-EIA u jressaq punti lil-Kunsill li fuqhom ikunu jistgħu jitressqu l-kummenti lill-ERA. Waqt diskussjoni qasira, l-Viċi-Sindku irrimarkat li huwa mportanti li jittieħed inkonsiderazzjoni l-fatt li r-raħal huwa magħruf għall-festi u l-logħob tan-nar tiegħu sabiex il-quddiem ma' jkunx hemm problemi.

25.09 ***Performance Bonus* tal-impjegati (amministrazzjoni)**

25.09.01 Is-Sindku ta spjega tal-*Appraisals* tal-iskrivani u fejn qal li dawn kienu għamlu xogħol siewi speċjalment fiż-żmien meta l-Kunsill ma kellux S.E. *full* time u irrakkomanda li dawn jingħataw il-massimu tal-*Performance Bonus*. Dan gie approvat unanimament.

25.09.02 Is-Sindku ta' spjega tal-*Appraisals* tad-Deputat S.E. u tas-S.E. fejn huwa qal li anke dawn jingħataw il-massimu tal-*Performance Bonus*. Wara li s-S.E. ħareġ mill-kamra, saret diskussjoni qasira u meta irritorna ġie nfurmat li l-Kunsill b'mod unanimu kien approva l-massimu tal-*Performance Bonus*. Huwa irringrazzja lil dawk preżenti.

25.08 **Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2020**

25.08.01 Peress li kopja tal-*Financial Statements* kienu ntbgħatu mal-Minuti u ma kienx hemm domandi minn dawk preżenti, dawn ġew approvati unanimament u s-S.E. ġie awtorizzat sabiex jibgħat kopja tagħhom lil-Awditur Ġenerali u lil-Awdituri tal-Kunsill.

***Is-Sindku ħalla l-laqgħa fit-8.13 pm minħabba mpenji oħra.***

25.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

25.05.01 *Il-Kunsillier Dingli irrimarka dwar tappieri baxxa fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Is-S.E. informa li kien diġà sar rapport lil-W.S.C. dwar dan.

25.05.02 *Il-Kunsillier Dingli irrimarka li ġie nfurmat li f'parti minn Triq il-Madonna tal-Ġilju għad hemm *main* antik tal-ilma. Ġie approvat li niktbu lill-WSC dwar dan.

25.05.03 *Il-Kunsillier Dingli irrimarka dwar kanal li niżel fi Triq tas-Sejba. Kien hemm qbil li jsir rapport dwar dan.

25.05.04 *Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar iż-żbir tas-siġra fi Triq Mons. Innocenz Zammit u s-S.E. irrimarka li kien informa lil *Callus Garden Centre*. Rigward arblu tal-injam fl-istess triq, ġie deċiż li niċċekkjaw fuqu.

25.05.05 *Il-Kunsillier Dingli semma suġġeriment li kien irċieva sabiex issir tabella dwar ir-rimi tal-iskart fi Triq Ħal Kirkop. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandna nibqgħu insegwu qabel teħel i-tabella msemmija.

25.05.06 Il-Viċi-Sindku qalet li kellha suġġeriment mingħand resident sabiex il-librerija li hemm fi Ġnien Onġi Onġella titressaq sabiex ma jidħolx ilma fiha. Hija qalet li l-Onor. Ministru J. Farrugia Portelli li kienet wara l-ħsieb ta' din il-librerija ma ssibx oġġezzjoni li din tiċċaqlaq. Kien hemm qbil li nkellmu lir-resident li ressaq is-suġġeriment sabiex insibu post alternattiv kif ukoll li qabel teħel fil-post il-ġdid induruha sabiex jekk hemm xi ħsara din tissewwa.

25.05.07 Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li *U-Bar* li hemm fi Triq iż-Żurrieq tinqala peress li għal min kienet saret miet kif ukoll li l-*yellow line* li hemm viċin jinzebaħ. Dan gie approvat.

25.05.08 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi min naħa tal-*Club* tal-*football* rigward il-parti li kienet ingħalqet permezz ta'*fence.* Is-S.E. informa li s-Sindku kien għaddielu korrispondenza li pprovdew il-*Club* u fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li kopja ta' din il-korrispondenza għandha tintbagħat lil Awtorita' tal-Artijiet u nitolbu kjarifika.

25.05.09 Il-Viċi-Sindku ipproponiet li għandna nibgħatu ittra lill-Ministru C. Bartolo cc Perit K. Fsadni sabiex naraw kif se nibqgħu fuq Ġnien Onġi Onġella li kien se jsir fi żmien il-Ministru J. Farrugia Portelli.

25.05.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi rigward l-art li hemm fi Triq Giacomo Tortella. Is-S.E. informa li l-Awtorita' tal-Artijiet kienet infurmatna li l-art mhix propjetà tal-Gvern. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li l-Kunsill ma jagħmel xejn aktar iżda għandna nkellmu lill-IM sabiex inaddfu l-post mill-affarijiet li ħallew warajhom wara x-xogħol fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

25.05.11 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta minn tappiera li tħabbat viċin Ġnien il-Missjoni ż-Żgħira. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Sciberras għandu jindika eżatt liema hija din it-tappiera sabiex nieħdu ħsieb li ninfurmaw lil-entita' li lilha tappartjeni jekk ma tkunx tista' tissewwa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

25.05.12 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta minn ħmieġ tal-klieb u skart ieħor fi Ġnien il-Missjoni ż-Żgħira. Ġie unanimament deċiż li għandu jkun hemm tindif regolari f'dan il-ġnien mill-ħaddiema tal-Kunsill.

25.05.13 Il-Kunsillier Sciberras talab li nitolbu lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi sabiex jinqatgħa l-ħaxix fit-triq li tagħti għall-kamra tan-nar tas-Soċjetajiet tar-raħal. Din ġiet approvata.

25.05.14 Il-Kunsillier Sciberras ippreżenta rapport dwar il-ħsibijiet tal-artisti għall-Isptar il-Qadim. Wara diskussjoni, filwaqt li ġie ikkonfermat li sa llum ma hemm l-ebda commitment dwar il-post lil-terzi, ġie deċiż li s-suġġett jiġi trattat f'laqgħa oħra.

***L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ħalla l-laqgħa fit-8.30 p.m. minħabba mpenji oħra.***

25.05.15 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva lmenti minn storbju li allegatament ġej mix-*shooting range* f'Ta'Kandja tard fil-għaxija. Ġie deċiż li niċċekkjaw sa x'ħin il-post suppost jibqa miftuħ.

25.05.16 Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex isir *refreshing* tas-*Double Yellow Lines* viċin garaxx fi Triq tal-Mentna kantuniera ma Triq Ħal Kirkop. Il-Kunsillier Sciberras għandu jindika il-post eżatt permezz ta' ritratt.

25.05.17 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi nformazzjoni dwar xi xogħol fi Sqaq Nru 5 fi Triq il-Parrocca. Is-S.E. informa li huwa ma kienx infurmat b'xogħol fil-post imsemmi però wiegħed li ser jiċċekkja.

25.05.18 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-*parking bays* fi Triq it-Torri Vincenti. Is-S.E. informa li TM kienu awtorizzaw li jsir metru *Double Yellow Lines* mill-garaxx li hemm u li għalhekk l-ewwel *parking bay* kienet qsaret ftit.

25.05.19 Il-Kunsillier Zaffarese staqsa jekk il-Kunsill jistax jgħin anzjana sabiex tapplika għall-iskema tal-*Green walls*. Ġie spjegat li l-applikazzjoni trid issir mis-sidien u li l-Kunsill ma għandux x'jaqsam f'din l-iskema.

25.05.20 Il-Kunsillier Zaffarese staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar ir-restawr tan-niċċa fi Triq Santa Katerina. Is-S.E. informa li kien għadu qed jistenna mingħand il-Kunsillier Dingli li kellu jkellem lis-sid li mal-faċċata tagħha hemm in-niċċa.

25.05.21 Il-Kunsillier Zaffarese semma l-iskema għall-Attivitajiet Kulturali 2021 li dwarha konna rċivejna korrispondena mid-DLG u ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiddiskuti din il-materja f'laqgħa oħra.

25.05.22 Il-Kunsillier Zaffarese staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar l-inizjattiva tar-Regjun Nofsinhar "Kwarta Tajba". Is-S.E. informa li l-Kunsill tagħna ma kienx ikkwalifika għal din l-iskema.

25.05.23 Saret diskussjoni qasira dwar il-korsijiet tal-Ewwel Għajnuna mir-*Red Cross* u ġie deċiż li naraw jekk hux possibbli li dawn isiru f'4 sessjonijiet ta' sagħtejn il-waħda bejn is-6.00 pm u t-8.00 pm.

***L-items imamrkati b'asterisk (*) intqalu mill-Kunsillier Dingli qabel ma ħalla l-laqgħa.***

**25.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/25**

25.07.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/25 ġiet approvat unanimament minbarra l-pagamenti numru 48 (peress li kien imniżżel doppju) u l-pagament numru 50.

25.07.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Jannar 2021 ġiet approvata unanimament.

**25.11 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

24.11.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:20 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 9 ta' Marzu fis-6:00 pm

Konfermati illum it-Tlieta 9 ta' Marzu 2021.

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Segretarju Eżekuttiv |